# Il-Knisja ta' Wied Lunzjata Rabat Għawdex

*Glenn Copperstone*

Il-Wied tal-Lunzjata f'Għawdex, rabat ismu ma' daqsxejn ta' knisja żgħira ddedikata lil Ommna Marija taħt it-titlu ta' l-Annunzjata. Fl-imgħoddi dawn l-inħawi kienu magħrufa bħala "Is-Saqqajja", iżda d-devoti li kienu spiss jiġu f'dawn l-inħawi jinviżtaw lill-Madonna, biddlu l-isem għal "Il-Lunzjata" u hekk għadhom magħrufa sa llum fl-inħawi ta' dan il-wied sabiħ. Dan il-wied jinsab bejn ir-Rabat u Kerċem.

Il-Knisja ta' Wied Lunzjata hija fost l-eqdem li nsibu, datata probabbilment fi żmien il-ħelsien ta' Malta mill-Għarab. L-ewwel referenza tinstab fl-"istatutes" ta' Martin, Sultan ta' Sqallija li kien ukoll Sultan ta' Malta. Fuqu hemm miktub li din il-knisja taf l-eżistenza tagħha bejn l-1347 u l-1357 u nbniet b'ġuspatronat tas-Sinjura Sibilla d'Aragona. Meta din is-Sinjura mietet u ma kellhiex werrieta, il-ġuspatronat flimkien ma' propjetà oħra, spiċċaw għand l-imsemmi Sultan Martin.

Kienu żminijet mħarbtin ta' konflitti ekkleżjastiċi u politiċi. Pirati mill-Afrika ta' Fuq ta' sikwit kienu jaħbtu għall-gżiritna u jkaxkru kull ma jsibu, inkluż ċittadini. L-arti tal-Piraterija ma kenitx min-naħa waħda biss. Għal xi żmien id-dħul primarju tal-Kaxxa ta' Malta kien jiġi mill-Piraterija Maltija. Il-Maltin ma kenux isibuha bi tqila biex jattakkaw xwieni Griegi u Kristjani. Fl-1371 attakaw vaxxel Ġenoviż. Ir-risposta kienet qarsa għax flotta mmexxija minn Thomas Murchio seraq il-Gżejjer.

Fis-sena ta' wara, ir-Re Federiku IV ta' Aragona, żar Malta biex jara d-danni li saru kawża ta' l-attakk , u biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet li kellu ma' Malta. Żar il-knisja tal-Lunzjata u eżerċita d-dritt li kellu tal-ġuspatronat billi innommina lil Dun Bartilmew Axiaq bħala Rettur.



Fl-1398, ir-Re Martin iż-żgħir, ta l-knisja lill-qassis Malti Sagona, u fl-1472 il-viċeroj Don Lope Ximénez de Urrea, ta lill-kleriku Ġlormu Tabone.

Fl-1501, Dun Pietro de Beniamin kien meħud bħala skjav. Il-Viċeroj Acuña, ittrasferixxa l-benefiċċji lil Alvaro del Castello li dan ukoll kien meħud skjav.
Fl-1530 il-Kavallieri waslu Malta. Il-Gran Mastru D'Homedes ta l-benefiċċji lil Dun Pietru Burlŏ.

Il-benefiċċju li kien marbut ma' din il-Knisja kien meqjum tajjeb ħafna – tletin skud – u għalhekk kien benefiċċju mfittex ħafna. Il-benefiċjarju kien marbut li jħallas quddies kull nhar ta' Sibt f'din il-knisja. Kien ukoll obbligat li jiċċelebra l-festa ta' Marija Annunzjata bil-kant ta' l-Ewwel Vespri u biċ-ċelebrazzjonijiet ta' quddiesa kantata fil-jum liturġiku ta' l-Annunzjata, il-25 ta' Marzu.

Matul il-mixja tas-snin, din il-knisja baqgħet dejjem devota ma' l-Għawdxin, tant hu hekk li meta fis-sekli sittax u sbatax għadd ta' Knejjes fil-kampanja Għawdxija kienu mitluqa u pprofonati, din tal-Lunzjata baqgħet wieqfa u ffrekwentata mid-devoti tal-Madonna.

Fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax, sewwa sew fl-1629 il-knisja bdiet tinbena kif nafuha llum b'ħidma kbira tar-Rettur Dun Pawl Tabone, li qabbad il-pittur Garagona biex ipitter il-kwadru Titulari. Fl-1644 , ir-Rettur Nikola Mangion, ħallas għall-Kwadru Titulari ġdid, xogħol ta' Fra Luca Garnier. L-arma ta' Mangion hija skulturata fl-artal tal-ġebel.

Fl-1770 inbniet is-sagristija mir-Rettur Dun Erkole Martino Testaferrata. Artal ta' l-irħam meħud mill-knisja tas-Sabina fir-Rabat, ħa post l-artal li kien hemm tal-ġebel. Monsinjur Ġużeppi Pace ikkonsagra solennement din il-Knisja nhar it-18 ta' Ottubru 1959.

Statwa ħelwa ta' l-Annunzjata hija meqjuma f'din il-Knisja u hija xogħol l-iskultur famuż Għawdxi Wistin Camilleri.




Furniture
Chandeliers and
Ceramic Statues
Gudja Road,
Tarxien PLA 19
Tel: 21666755
Mob: 79537366